# 64. Il-Ħarruba Xiħa

Biz-zkuk ħoxnin jistrieħu fuq il-ġebel
kien ilha tħaddar fuq ir-ras tal-għolja
gelgul ta' snin, magħrufa min-nies kollha
minn ġens għal ġens.

'Mma l-isem tagħha l-iżjed li kien magħruf
kien fost is-sħab; l-ulied tal-ajru w l-ilma
kienu jafuha sew fuq il-quċċata
u jibżgħu minnha.

Kull sħaba li tittajjar fuq il-għolja
iġġarrab l-hemm ta' ġeżża suf li taqa'
fl-idejn ta' xwejħa: ħjut fi ħjut tingħażel
tinħall fix-xejn!

Minn żmien għal żmien is-sħab sabiex joqtluha
bagħtu lir-riħ felħan b'ħafna buffuri,
u bagħtu t-tromba b'par dirgħajn tal-ġganti:
kollu ta' xejn.

'Mma fl-aħħar wasal jum li fih inġemgħu
saħħiet is-sħab flimkien: dagħbien ta' xita,
tibriq, damdim ta' ragħad, grigal li jibla'
is-sema w l-art.

Għoxrin sajjetta s-sħab sparaw minn l-ajru
lejn il-ħarruba, kollha ġew fil-qrib;
il-wieħed u għoxrin laqtitha f'qalbha
għamlitha rmied.

Intemmet fuq il-għolja l-ġlieda ħarxa
bejn il-ħarruba u s-sħab, u magħha ntemmet
il-ħdura wkoll, u baqa' blat imneżża'
bi ftit berwieq.

In-nies għalew għall-ħdura tal-ħarruba,
iżda, baħnana, ma ħasbux biex ħawlu
ħarruba ġdida li mas-sħab tiġġieled
u twaqqgħu fl-art.